**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Anthony Joseph Caci**
**Davide Cappitta**

**Illum 17 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-

**Anthony Joseph Caci**, u detentur tal-Passaport Franciz 13AR98062; u

**Davide Cappitta**, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 0310089(M).

Akkuzati talli nhar is-16 ta' Gunju, 2016 u fil-jiem ta' qabel din id-data, fir-rigward tal-bastiment bin-numru ta' mmarkar estern ST488 u bl-isem AL SAFA IV, li jtajjar bandiera Libjana gewwa l-ibhra tas-sajd Maltin u f'dawn il-gzejjer:-

**Anthony Joseph Caci** akkuzat wahdu talli:-

1. Bhala kaptan tal-bastiment tas-sajd barrani msemmi, wettaq reat kontra l-Att stante li kellu hut abbord u ma avzax lil ufficjal ghat-tharis tas-sajd bl-ammonti, bid-deskrizzjonijiet u bil-prezentazzjoni ta' hut abbord il-

bastiment qabel ma l-bastiment dahal fl-ibhra tas-sajd u dan bi ksur tal-Artikolu 11(1) tal-Kap. 425.

2. Talli ghadda taghrif falz biex issir notifika skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1005/2008 mir-rapprezentant tieghu u dan sabiex jikseb access ghall-port gewwa Malta kontra u bi ksur tal-legizlazzjoni applikabbli.

**Davide Cappitta** akkuzat wahdu talli:-

3. Bhala direttur tal-kumpanija Ocean Bound Trading (C 63107) u bhala l-persuna illi trasmetta n-notifika skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1005/2008 lill-awtoritajiet Maltin, kien ko-awtur jew komplici biex twettaq ir-reat ta' taghrif falz surriferit.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti mill-prozekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-1Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 11(1) u 29(2) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Anthony Joseph Caci** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **multa ta' sitt elef Euro (€6,000);** u

Wara li rat l-artikoli 29(2) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Davide Cappitta** hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah **multa ta' elf Euro (€1,000)**.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**